# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 29 ta' Novembru, 2018**

**Kawża Nru. 17**

**Rik. Nru. 581/14JRM**

**WOMEN IN MANAGEMENT LIMITED (C – 55668)**

vs

**L-AWTORITA' GĦAT-TRASPORT F'MALTA**, il-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura u Melita Shipyard Limited (C – 64312), għal kull interess li jista' jkollha

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-30 ta' Ġunju, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi titlob li din il-Qorti (i) issib li l-għoti ta' konċessjoni ta' servizz ('*service concession*') lill-kumpannija mħarrka Melita Shipyard Limited, mill-Awtorità mħarrka, il-Ministeru jew min minnhom, sar b'nuqqas ta' trasparenza u b'diskriminazzjoni billi naqsu li jippubblikaw sejħa għall-offerti jew sejħa għal *expression of interest* biex kull min kien interessat seta' jipparteċipa; (ii) issib li l-għoti tas-*service concession* lill-kumpannija mħarrka Melita Shipyard Limited huwa abbużiv u illegali billi jmur kontra l-liġi; (iii) issib li t-trasferiment ta' art mill-Awtorità mħarrka, mill-Ministru jew

minn min minnhom kellha ssir wara sejħa għall-offerti fil-Gażżetta tal-Gvern; (iv) issib li tali trasferiment ta' art sar bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Trasferiment tal-Artijiet[1], u għaldaqstant huwa null u bla effett; (v) tordna lill-Awtorità mħarrka, lill-Ministru mħarrek jew lil min minnhom sabiex iwaqqfu minnufih u jtemmu s-*service concession* mogħti minnhom lill-kumpannija mħarrka Melita Shipyard Limited; u (vi) tordna lill-Awtorità mħarrka, lill-Ministru mħarrek jew lil min minnhom sabiex b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju jippubblika sejħa oħra għall-offerti jew *expression of interest* sabiex kull min hu interessat ikun f'qagħda li jipparteċipa. Talbet ukoll l-ispejjeż, magħduda dawk tal-protest ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Lulju, 2014[2], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-6 ta' Awwissu, 2014, li biha l-Ministru mħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qal li ma huwiex il-leġittimu kontradittur u għaldaqstant għandu jinħeles milli jibqa' fil-kawża. Fil-mertu laqa' billi ċaħad ix-xiljiet miġjuba kontra tiegħu. Jgħid li l-konċessjoni temporanja ngħatat lill-kumpannija mħarrka fil-kors tat-twettieq tal-funzjoni tal-Awtorità mħarrka li tiżviluppa u tħaddem il-portijiet u l-faċilitajiet anċillari magħha. Illi fost l-għanijiet tal-Awtorità mħarrka hemm dak li jmexxi 'l quddiem il-politika favur żvilupp f'Malta bħala ċentru ta' interess marittimu fil-Mediterran u bħala port ta' dħul għall-Unjoni Ewropea. Żied jgħid li l-kumpannija attriċi ma taħdimx fil-qasam marittimu u għaldaqstant m'għandhiex interess ġuridiku fit-talbiet tagħha. Illi l-Awtorità mħarrka bl-ebda mod ma kisret xi obbligu, liġi jew disposizzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew, kif ukoll li fil-każ ta' "*service concession*", għall-kuntrarju ta' dak li jiġri f'sejħa għal kuntratt ta' xogħlijiet pubbliċi, ma hemm ebda ħtieġa li ssir pubblikazzjoni ta' sejħa għall-offerti;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-7 ta' Awwissu, 2014, li biha l-Awtorità mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qalet li l-kumpannija attriċi għandha tipprova l-interess ġuridiku tagħha biex tipproponi u tmexxi 'l quddiem din il-kawża. Fil-mertu, ċaħdet ix-xiljiet miġjuba kontra tagħha u qalet li hija mxiet skond il-funzjonijiet, drittijiet u obbligi tagħha, kif ukoll skond il-liġi. Ċaħdet li ġabet ruħha b'mod diskriminatorju mal-kumpannija attriċi;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-11 ta' Awwissu, 2014, li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qalet li l-

[1] Kap 268
[2] Paġġ. 20-21 tal-proċess

kumpannija attriċi għandha tipprova l-interess ġuridiku tagħha f'din il-kawża. Qalet ukoll illi t-talbiet attriċi mhumiex indirizzati lejha u għaldaqstant mhix il-leġittima kuntradittriċi tal-azzjoni attriċi. Żiedet tgħid li l-oġġett ta' kawża li għandu jiġi mistħarreġ huwa nieqes billi r-rabta li hemm bejnha u l-Awtorità huwa dak ta' operatur ta' *floating dock* proprjetà tagħha sa minn qabel ma sar il-kuntratt. Fil-mertu, ċaħdet li kien hemm trasferiment ta' art lilha, kif ukoll li seħħ xi ksur ta' liġi;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Diċembru, 2014[3], li bih ħalliet il-kawża għal ġbir tal-provi u trattazzjoni marbuta mal-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mill-kumpannija mħarrka, dik ta' nuqqas ta' interess ġuridiku fil-kumpannija attriċi sabiex tressaq din il-kawża;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiemha;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Ġunju, 2016[4], li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-kumpannija mħarrka tal-5 ta' Settembru, 2016[5];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Awtorità mħarrka tas-7 ta' Ottubru, 2016[6];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-kumpannija attriċi tal-5 ta' Ottubru, 2016[7], bi tweġiba għan-Noti ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-għeluq mill-avukat tal-kumpannija mħarrka[8];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' interess ġuridiku fil-kumpannija attriċi biex tmexxi 'l quddiem din il-kawża;

***Ikkunsidrat:***

[3] Paġ. 50 tal-proċess
[4] Paġ. 382 tal-proċess
[5] Paġġ. 384 sa 391 tal-proċess
[6] Paġġ. 392 – 8 tal-proċess
[7] Paġġ. 403 sa 419 tal-proċess
[8] Paġ. 422 tal-proċess

Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "WIM") tgħid li ġarrbet diskriminazzjoni meta l-imħarrkin, jew min minnhom, taw kuntratt ta' konċessjoni ta' servizz pubbliku ('*service concession*') lill-kumpannija mħarrka mingħajr ma ħarġet sejħa għal offerti jew *expression of interest*, bir-riżultat li hi ma setgħetx tipparteċipa jew turi interess fil-proġett. Tgħid ukoll li l-konċessjoni saret bi ksur tal-liġi Maltija, kif ukoll dik Ewropeja;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet. Din is-sentenza qiegħda tingħata dwar eċċezzjoni preliminari minnhom, dik tan-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-kumpannija attriċi. Din l-eċċezzjoni tqajmet mill-kumpannija mħarrka Melita Shipyard Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "MSL") bħala l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha. Tqajmet ukoll mill-Ministru mħarrek (is-sitt eċċezzjoni tiegħu) u mill-Awtorità mħarrka (l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha);

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li WIM hija kumpannija privata li ilha mwaqqfa minn Marzu tal-2012 u reġistrata fir-Reġistru tal-Kumpanniji ta' Malta[9]. L-azzjonisti tagħha huma rappreżentati fil-memorandum minn kumpannija waħda ta' servizzi fiduċjarji[10];

Illi b'kuntratt tal-21 ta' Marzu, 2014[11], MSL kisbet u xtrat "*floating dock*" bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm miftehma, u li rreġistratu mal-awtorità marittima kompetenti f'Malta fis-7 ta' April, 2014[12];

Illi fi żmien li ma jirriżultax mill-provi mressqa, MSL ingħatat il-konċessjoni biex tħaddem il-'*floating dock*' fil-Port il-Kbir;

Illi diriġent ta' WIM ra rapport f'ġurnal lokali tat-13 ta' April, 2014, u minn hemm sar jaf li l-Awtorità mħarrka, bil-kunsens tal-Ministru mħarrek, kienet tat konċessjoni ta' servizz pubbliku lil MSL biex tħaddem il-"*floating dock*" fil-Port il-Kbir;

Illi fit-23 ta' April, 2014[13], WIM ressqet protest ġudizzjarju kontra l-Awtorità u kif ukoll kontra l-Ministru mħarrkin li bih talbithom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex iżommu u jtemmu minnufih is-*service concession* mogħtija lil MSL u żammithom responsabbli għad-danni kollha li setgħet iġġarrab minħabba l-mod kif ingħatat dik il-konċessjoni ta' servizz;

[9] Dok "WM1", f'paġġ. 7 – 13 tal-proċess
[10] Dok "QT2", f'paġġ. 97 sa 216 tal-proċess
[11] Dok "A", f'paġġ. 38 sa 46 tal-proċess
[12] Dok "B", f'paġ. 47 tal-proċess
[13] Dok "WM3" f'paġġ. 15 – 6 tal-proċess

Illi l-protestati warrbu l-pretensjonijiet ta' WIM b'żewġ kontro-protesti li ressqu kontriha fis-7 ta' Mejju, 2014[14], u fit-8 ta' Mejju, 2014[15], rispettivament;

Illi fit-30 ta' Ġunju, 2014, WIM fetħet din il-kawża;

Illi bħala kunsiderazzjonijiet ta' dritt li jduru mal-eċċezzjoni taħt eżami, bilfors jidħol l-istħarriġ tal-leġittimazzjoni attiva ta' WIM biex tressaq din il-kawża fil-qafas tal-ġrajjiet li wasslu għaliha;

Illi l-imħarrkin jgħidu li WIM ma taħdimx fil-qasam marittimu. Illi hija qatt ma xtrat *tender document* la f'isimha u l-anqas bħala mandatriċi f'isem terzi. Ma jirriżultax lanqas li qatt kellha min talabha parir jew servizz dwar il-konċessjoni mertu tal-kawża. Jgħidu wkoll li l-persuni li kienu jirrappreżentawha meta ngħatat il-konċessjoni fuq imsemmija, lanqas biss kienu jiffurmaw parti mit-tmexxija tagħha fiż-żmien rilevanti. Għaldaqstant, jgħidu li WIM qatt ma setgħet iġġarrab xi preġudizzju, u hija għal kollox nieqsa mill-karatteristiċi ta' interess ġuridiku kif meħtieġ li jkollha f'din il-kawża;

Illi l-Qorti jidhrilha xieraq tgħid li l-kwestjoni ta' x'inhu interess ġuridiku meħtieġ fl-attur ilha tkun mistħarrġa mill-qrati tagħna, u dan għaliex il-liġi ilha żmien twil titlob dan ir-rekwiżit fl-att li bih tinbeda kawża;

Illi kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati Maltin, l-interess meħtieġ fl-attur irid ikun wieħed dirett, leġittimu, kif ukoll attwali[16]. L-interess irid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew lilu jkun mistħoqq[17];

Illi l-interess ġuridiku f'attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk dan iġib miegħu il-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, issir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha[18];

Illi għar-rigward ta' l-aspett ta' attwalità tal-interess tal-attur, azzjoni tista sseħħ u titqies imsejsa b'interess kif imiss kemm-il darba tkun kapaċi li tipproduċi riżultat vantaġġuż jew utili għal min jipproponiha u li dak ir-riżultat jista' jiġi utilizzat[19]. Barra minn dan, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-

[14] Dok "WM4", f'paġġ. 17 – 9 tal-proċess
[15] Dok "WM5", f'paġ. 20 tal-proċess
[16] Ara P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs Sacco*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.453**)
[17] Ara P.A. **27.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Buttiġieġ*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**)
[18] App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawza fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buhaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**)
[19] Ara App. Ċiv. **27.5.1991** fil-kawza fl-ismijiet ***Bond vs Mangion et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.385**). Ara wkoll App. Ċiv. **14.9.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Millard vs Said et noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.299**)

ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jonqos jew jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża[20];

Illi l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att tar-Rikors Maħluf nnifsu[21], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fir-Rikors Maħluf, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat[22];

Illi fejn hemm iżjed minn attur wieħed, il-kwestjoni ta' jekk l-atturi kollha għandhomx ikollhom l-istess interess, hemm aċċenn għaliha fl-artikolu 161(3) tal-Kap. 12, minn fejn jidher ċar li mhux meħtieġ li l-interess ta' kull attur ikun l-istess, għaliex l-elementi msemmija aktar 'il fuq biex isejsu l-interess, għalkemm japplikaw f'kull każ, ma jikkomportawx fihom l-identità bħala rekwiżit għas-siwi tal-azzjoni;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li dan ifisser li jekk, għal xi raġuni, xi wieħed mill-atturi tonqos fih il-kwalità ta' parti interessata waqt il-proċeduri jew titlef l-interess, din ċ-ċirkostanza tolqot lilu biss u mhux ukoll is-siwi tal-azzjoni mibdija minnu ma'oħrajn. Hekk illi, fl-aħħar mill-aħħar, it-tneħħija ta' dak l-attur mill-atti fuq nuqqas ta' interess tirriduċi ruħha għall-kwestjoni marġinali ta' qsim ta' spejjeż fil-konfront tal-atturi l-oħrajn u l-parti mħarrka, iżda mhux ixxejjen l-azzjoni;

Illi f'din il-kawża, għalkemm WIM ressqet talba biex l-għoti tal-konċessjoni titwaqqaf, tintemm u tinħareġ sejħa oħra permezz ta' pubblikazzjoni biex h tkun tista' tikkonkorri, mill-provi mressqa, l-interess ġuridiku tagħha ma jidhirx li kien jissussisti kemm fiż-żmien rilevanti tal-konċessjoni u kif ukoll meta fetħet din il-kawża. Fil-fatt, l-għan ewlieni ta' WIM (kif joħroġ mill-memorandum tagħha) kien dak li toffri taħriġ u għajnuna sabiex nisa jsibu impieg f'livell maniġerjali[23]. Id-dħul tal-istess kumpannija jidher li kien ġenerat tabilħaqq minn dan is-settur, jiġifieri minn "*training and assistance in employment*"[24]. Aktar tard, l-għan ewlieni tal-kumpannija attriċi nbidel għal wieħed ta' intermedjarju fil-qasam tal-assikurazzjoni[25];

Illi għalkemm WIM tisħaq li ħadmet fil-qasam marittimu[26], prova ta' dan ma tressqitx. Għall-kuntrarju, id-diretturi tal-kumpannija qatt ma taw kunsens biex dan seta' jsir[27]. Minuti ta' laqgħat li setgħet żammet WIM minn fejn jirriżulta

---

[20] App. Ċiv. **17.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et noe vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**)
[21] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.232**) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[22] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet Ignazio Gatt vs. Michael Debono et (mhix pubblikata)
[23] Ara dok. "QT1" f'paġ. 90 tal-proċess
[24] Ara dok. "MSL1", para 3.4 f'paġ. 310 tal-proċess
[25] Ara dok. "MSLS" f'paġ. 322 tal-proċess
[26] Ara x-xhieda ta' Reuben Buttiġieġ f'paġ. 358 tal-proċess
[27] Ara x-xhieda ta' Alexia King f'paġġ. 285 – 6 tal-proċess

dan il-kunsens ma tressqux bħala prova, u dan minbarra li l-avukat difensur tal-kumpannija attriċi nnifisha jiddikjara li WIM ma kellhiex involviment dirett fil-qasam marittimu[28];

Illi jirriżulta wkoll illi meta saret il-konċessjoni mertu ta' din il-kawża (xi żmien qabel April, 2014), id-diretturi ta' WIM kienu Tracey Vella u Alexia King, li ma jirriżultax li kienu involuti fil-protest ġudizzjarju li ppreżentat WIM kontra l-imħarrkin jew f'din il-kawża f'April tas-sena 2014[29]. Fil-fatt huma rreżenjaw mill-kariga ta' diretturi fil-5 ta' Awwissu, 2014[30]. Jirriżulta li l-persuna li kienet midħla mal-ilment ta' WIM kien Reuben Buttiġieġ, iżda mid-dokumenti ppreżentati jirriżulta li huwa nħatar bħala direttur ta' WIM f'Ġunju tas-sena 2014[31] u ta r-riżenja tiegħu f'Awwissu[32] tal-istess sena. Illum, WIM għandha bħala direttur tagħha lil RMB Management Limited li twaqqfet fis-sena 2011 biex tagħti servizz ta' konsulenza fil-qasam ta' servizzi ta' konsulenza marbuta ma' ħwejjeġ finanzjarji tax-Shari'ah[33];

Illi fis-sottomissjonijiet tagħha[34], WIM tgħid li llum il-ġurnata l-kwestjoni tal-għoti ta' konċessjonijiet ta' servizz pubbliku huwa regolat b'Regolamenti[35] li jagħtuha kull jedd li tikkontesta l-għoti ta' konċessjoni bħal dik u jipprovdu saħansitra rimedji proċedurali biex tressaq ilment dwarha. Tgħid għalhekk, li ladarba fiż-żmien rilevanti, ma kinux għadhom iddaħħlu l-imsemmija Regolamenti fis-seħħ – li hija tgħid li l-għan tagħhom huwa li jittrasponu fil-liġi Maltija d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/23UE tal-Parlament Ewropew – hija ma kellhiex għażla oħra għajr li tressaq il-kawża tagħha tallum għal stħarriġ ġudizzjarju;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dan l-argument ma huwiex tajjeb għall-għanijiet tal-eċċezzjoni preliminari li l-Qorti għandha quddiemha. Jekk inhu minnu li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ma kinux għadhom jagħmlu parti mil-liġi domestika fiż-żmien rilevanti, dan jixhed li WIM qiegħda tistqarr li r-rimedji li jista' jkun li llum iddaħħlu fil-liġi ma kinux hemm meta nfetħet din il-kawża. Din hija stqarrija ta' nuqqas tal-element ta' interess legali u kif ukoll l-element tal-attwalità tal-istess interess tagħha. Fit-tieni lok, l-argument ma jbiddel xejn mill-kunsiderazzjonijiet li saru qabel dwar il-firxa ta' ħidma kummerċjali li WIM kienet maħsuba li tagħmel sa minn mindu twaqqfet u li fil-fatt kienet mdaħħla fihom fiż-żmien meta ngħatat il-konċessjoni. Fit-tielet lok, u kif jirrilevaw uħud mill-imħarrkin fis-sottomissjonijiet tagħhom, ħareġ ċar li l-aktar

[28] Ara paġ. 56 tal-proċess
[29] Ara x-xhieda ta' Tracy Vella f'paġ. 291 tal-proċess. Ara wkoll kopja tal-protest mmarkat bħala dok. "WM3" f'paġġ. 15 – 6 tal-proċess
[30] Ara Dok. "QT1" f'paġ. 62 tal-proċess
[31] Ara Dok. "QT1" f'paġ. 63 tal-proċess
[32] Ara Dok. "QT1" f'paġ. 62 tal-proċess
[33] Ara Dok. QT3" f'paġ. 270 tal-proċess
[34] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 407 – 410 tal-proċess
[35] A.L. 353 tal-2016 (L.S. 174.10)

persuna interessata ekonomikament fil-konċessjoni u f'dak li setgħet toffri kien Reuben Buttiġieġ fil-vesti tiegħu personali. Dan ukoll ifisser li dak l-interess personali ma jittrasferix ruħu fil-personalità ta' WIM li hija persuna legali differenti għal kollox minn Buttiġieġ;

Illi f'dan il-qafas, il-Qorti issib li kien jonqos f'WIM l-interess dirett u attwali li huwa meħtieġ biex tressaq u biex tmexxi 'l quddiem din il-kawża, u l-għan prattiku tal-kawża, minn kif inhu mfassal ir-Rikors Maħluf. Ma jidhirx li l-azzjoni kif imressqa ġabet lil WIM xi preġudizzju biex tista' issostni it-talbiet tagħha u biex dawn jintlaqgħu. Dan iwassal lill-Qorti biex issib bħala mistħoqqa l-ewwel eċċezzjoni preliminari mqanqla mill-imħarrkin f'dan ir-rigward, li għaldaqstant sejra tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-kumpannija mħarrka** bħala mistħoqqa, u ssib li jonqos fil-kumpannija attriċi l-interess ġuridiku li tressaq u tmexxi 'l quddiem din il-kawża;

**Tilqa' wkoll din l-istess eċċezzjoni preliminari** kif imressqa mill-Awtorità mħarrka u mill-Ministru mħarrek, għall-istess raġunijiet;

**Teħles lill-imħarrkin** mill-ħarsien tal-ġudizzju; u

**Tordna** li l-kumpannija attriċi **tħallas l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**29 ta' Novembru, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**29 ta' Novembru, 2018**